Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 328

Edizzjoni bil-Malti

Informazzjoni u Avviżi

Volum 58

5 ta' Ottubru 2015

Werrej

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

2015/C 328/01 L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* 1

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

Il-Qorti tal-Ġustizzja

2015/C 328/02 Kawża C-320/15: Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika 2

2015/C 328/03 Kawża C-340/15: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzgericht (l-Awstrija) fis-7 ta Lulju 2015 – Christine Nigl et 3

2015/C 328/04 Kawża C-365/15: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fl-14 ta' Lulju 2015 – Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen vs Hauptzollamt Bielefeld . . 5

MT

2015/C 328/05 Kawża C-408/15 P: Appell ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2015 minn Ackermann Saatzucht GmbH & Co. KG, Böhm-Nordkartoffel Agrarproduktion GmbH & Co. OHG, Deutsche Saatveredelung AG, Ernst Benary, Samenzucht GmbH, Freiherr Von Moreau Saatzucht GmbH, Hybro Saatzucht GmbH & Co. KG, Klemm + Sohn GmbH & Co. KG, KWS Saat AG, Norddeutsche Pflanzenzucht Hans-Georg Lembke KG, Nordsaat Saatzuchts GmbH, Peter Franck-Oberaspach, P. H. Petersen Saatzucht Lundsgaard GmbH, Saatzucht Streng – Engelen GmbH & Co. KG, Saka Pflanzenzucht GmbH & Co. KG, Strube Research GmbH & Co. KG, Gartenbau und Spezialkulturen Westhoff GbR, W. von Borries-Eckendorf GmbH & Co. KG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-18 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-559/14, Ackermann Saatzucht GmbH & Co. KG *et* vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 5

2015/C 328/06 Kawża C-409/15 P: Appell ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2015 minn ABZ Aardbeien Uit Zaad Holding BV, Agriom BV, Agrisemen BV, Anthura BV, Barenbrug Holding BV, De Bolster BV, Evanthia BV, Gebr. Vletter & Den Haan VOF, Hilverda Kooij BV, Holland-Select BV, Könst Breeding BV, Koninklijke Van Zanten BV, Kweek- en Researchbedrijf Agirco BV, Kwekerij de Wester-Bouwing BV, Limgroup BV, Ontwikkelingsmaatschappij Het Idee BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-18 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-560/14, ABZ Aardbeien Uit Zaad Holding BV *et* vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea 7

Il-Qorti Ġenerali

2015/C 328/07 Kawża T-106/15: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2015 – Opko Ireland Global Holdings vs UASI – Teva Pharmaceutical Industries (ALPHAREN) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata mill-UASI — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni") 9

2015/C 328/08 Kawża T-326/15: Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2015 – DIMA Verwaltungs vs UASI (Forma ta' reċipjent) 9

2015/C 328/09 Kawża T-352/15: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2015 – DEI vs Il-Kummissjoni 10

2015/C 328/10 Kawża T-354/15: Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2015 – Allergopharma vs Il-Kummissjoni 11

2015/C 328/11 Kawża T-383/15: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2015 – DIMA Verwaltungs vs UASI (forma ta' kontenitur) 12

2015/C 328/12 Kawża T-392/15: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2015 – European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji 13

2015/C 328/13 Kawża T-411/15: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – Gappol Marzena Porczyńska vs UASI – GAP (ITM) (GAPPoL) 14

2015/C 328/14 Kawża T-422/15: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – U-R LAB vs UASI (THE DINING EXPERIENCE). 15

2015/C 328/15 Kawża T-423/15: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – U-R LAB vs UASI (THE DINING EXPERIENCE). 16

2015/C 328/16 Kawża T-425/15: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – Schräder vs CPVO – Hansson (Seimora) . 16

2015/C 328/17 Kawża T-426/15: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – Schräder vs CPVO – Hansson (Seimora) . 17

2015/C 328/18 Kawża T-428/15: Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2015 – Schräder vs CPVO – Hansson (SUMOST-02) 18

2015/C 328/19 Kawża T-434/15: Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2015 – Islamic Republic of Iran Shipping Lines a. o. vs Il-Kunsill 19

2015/C 328/20 Kawża T-435/15: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – Kolachi Raj Industrial vs Il-Kummissjoni. 19

2015/C 328/21 Kawża T-436/15: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 – Consorzio Vivaisti viticoli pugliesi e Negro vs Il-Kummissjoni. 20

2015/C 328/22 Kawża T-437/15: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 – Eden Green Vivai Piante di Verdesca Giuseppe *et* vs Il-Kummissjoni 22

2015/C 328/23 Kawża T-439/15: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 – Amrita *et* vs Il-Kummissjoni 24

2015/C 328/24 Kawża T-441/15: Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2015 – European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini. 26

2015/C 328/25 Kawża T-448/15: Rikors ippreżentat fis-6 ta' Awissu 2015 – EEB vs Il-Kummissjoni 27

2015/C 328/26 Kawża T-456/15: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Foodcare vs UASI – Michalczewski (T.G. R. ENERGY DRINK) 29

2015/C 328/27 Każ T-457/15: Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2015 – Fakro Sp. z o.o. vs UASI – Saint Gobain Cristaleria (climaVera) 30

2015/C 328/28 Kawża T-458/15: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Automobile Club di Brescia vs UASI – Rebel Media (e-miglia). 31

2015/C 328/29 Kawża T-461/15: Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Guccio Gucci vs UASI – Guess? IP Holder (Rappreżentazzjoni ta' sinjali minsuġa). 32

2015/C 328/30 Kawża T-473/15: Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2015 – Capella vs UASI – Abus (APUS). 33

2015/C 328/31 Kawża T-474/15: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2015 – GGP Italy vs Il-Kummissjoni 34

2015/C 328/32 Kawża T-475/15: Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2015 – L'Oréal vs UASI – LR Health & Beauty Systems (LR) 35

It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku

2015/C 328/33 Kawża F-109/15: Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – ZZ vs Il-Parlament. 36

2015/C 328/34 Kawża F-110/15: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni 36

2015/C 328/35 Kawża F-116/15: Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs UASI. 37

2015/C 328/36 Kawża F-117/15: Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs F4E. 37

IV

(Informazzjoni)

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

L-aħħar pubblikazzjonijiet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*

(2015/C 328/01)

L-aħħar pubblikazzjoni

ĠU C 320, 28.9.2015

Pubblikazzjonijiet preċedenti

ĠU C 311, 21.9.2015

ĠU C 302, 14.9.2015

ĠU C 294, 7.9.2015

ĠU C 279, 24.8.2015

ĠU C 270, 17.8.2015

ĠU C 262, 10.8.2015

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

V

(Avviżi)

PROĊEDURI TAL-QORTI

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

Rikors ippreżentat fis-26 ta' Ġunju 2015 – Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Ellenika

(Kawża C-320/15)

(2015/C 328/02)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Zavvos u E. Manhaeve)

Konvenuta: Ir-Repubblika Ellenika

Talbiet

— tikkonstata li r-Repubblika Ellenika naqset miilli twettaq l-obbligi tagħha skont l-Artikolu 4(1) u (3) tad-Direttiva 91/271/KEE ([1]), dwar it-trattament tal-ilma urban mormi;

— tikkundanna lir-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

1. Fir-rikors tagħha l-Kummissjoni tispeċifika l-impjanti ta' ċerti agglomerazzjonijiet tar-Repubblika Ellenika li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tad-Direttiva, jew għaliex l-impjanti neċessarji ma nbnewx b'mod xieraq jew ma ġewx immodernizzati b'mod xieraq (agglomerazzjonijiet ta' Prosotsani, Doxato, Eleftheroupoli, Vagia u Galatista) u konsegwentement l-ilma urban mormi ta' dawn l-agglomerazzjonijiet, qabel ma jintrema, ma jiġix sottomess għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, jew inkella għaliex il-kampjuni meħuda (agglomerazzjonijiet ta' Desfina, Polychrono u Chanioti) jirrilevaw li l-operat tal-impjant ma jissodisfax il-rekwiżiti tad-direttiva.

2. Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 91/271/KEE, l-ilma urban mormi (agglomerazzjonijiet b'ekwivalenti ta' popolazzjoni ta' iktar minn 2 000) li jidħol fis-sistemi ta' ġbir għandu, qabel ma jintrema, ikun suġġett għal trattament sekondarju jew trattament ekwivalenti; barra minn hekk, skont l-Artikolu 4(3), dan ir-rimi għandu jissodisfa l-kriterji rilevanti tal-Anness I.B (wieħed minnhom huwa li kampjuni rappreżentattivi tal-ilma mormi li jkun dieħel u l-effluwent ittrattat jinkisbu qabel ir-rimi fl-ilma riċeventi).

3. Skont il-Kummissjoni, sabiex jitqies li jissodisfa l-obbligi tad-direttva dwar it-trattament tal-ilma urban mormi, l-Istat Membru għandu jipprovdi data soddisfaċenti dwar il-kwalità tal-ilma mormi wara t-trattament. Barra minn hekk, sabiex tinkiseb evawazzjoni affidabbli tal-kwalità tal-iskart ta' agglomerazzjoni skont id-direttiva u, għaldaqstant, trattament ta' dan l-iskart li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 4, l-Istati Membri huma obbligati jippreżentaw riżultati soddisfaċenti għal perijodu ta' sena u nofs wara li t-tagħmir jibda jintuża u dan, permezz tat-teħid ta' kampjuni, skont il-metodoloġija prevista bid-Direttiva 91/271/KEE.

A) **Agglomerazzjonijiet ta' Prosotsani (ekwivalenti ta' popolazzjoni 5882), Doxato (EA 3815), Eleftheroupoli (EH 4934), Vagia (EH 4509) u Galatista (EH 2974)**

4. Il-Kummissjoni tqis li, perss li l-ilma urban mormi ta' erbgħa mill-agglomerazzjonijiet (Prosotsani, Doxato, Eleftheroupoli u Vagia) ma jiġux suġġetti, qabel ma jintremew, għal trattament sekondarju jew għal trattament ekwivalenti, hemm ksur tal-Artikolu 4 tad-Direttiva. Mill-bqija, l-awtoritajiet Elleniċi jirrikonoxxu huma stess li dawn l-agglomerazzjonijiet ser jissodisfaw ir-rekwiżiti tad-Direttiva biss ladarba l-proġetti kofinanzjati jitlestew. Skont il-Kummissjoni, minkejja li l-proġetti neċessarji diġà ġew inkluzi fl-assi prijoritarju "02 – Protezzjoni u ġestjoni tar-riżorsi tal-ilma" tal-programm operattiv "Ambjent u żvilupp sostenibbli", dawn ma għandhomx jitlestew qabel tmiem is-sena 2014 għall-agglomerazzjonijiet ta' Eleftheroupoli u ta' Prosotsani u l-awtoritajiet Elleniċi ma taw ebda data preċiża ta' tlestija għall-agglomerazzjonijiet ta' Vagia u ta' Doxato. Mir-risposti tal-awtoritajiet Elleniċi jirriżulta li l-operat tal-impjant ta' Galatista huwa problematiku u li dan għandu jittejjeb sabiex ir-rekwiżiti tad-direttiva jiġu ssodisfatti.

B) **Agglomerazzjonijiet ta' Desfina (E.P. 2024), Polychronos (E.P. 10,443) u Chanioti (E.P. 9000)**

5. F'dak li jikkonċerna dawn it-tliet agglomerazzjonijiet (Desfina, Polychrono u Chanioti), minkejja li l-awtoritajiet Griegi bagħtu r-riżultati tad-diversi kampjuni meħuda mill-impjanti ta' trattament tal-ilma mormi, il-Kummissjoni tqis li dawn il-kampjuni juru li dawn it-tliet impjanti ma humiex qegħdin jiġu operati b'mod konformi mar-rekwiżiti tad-direttiva.

Agglomerazzjoni ta' Polychronos

6. Il-Kummissjoni tindika li n-numru ta' kampjuni mhux konformi, kemm fl-2012 kif ukoll fl-2013, jaqbeż in-numru awtoritzzat u li la ttieħdu kampjuni suffiċjent għas-sena 2012 u lanqas għas-sena 2013.

Agglomerazzjoni ta' Chanioti

7. Il-kampjuni li ntbagħtu lill-Kummissjoni għal din l-agglomerazzjoni ma jistgħux jitqiesu bħala rappreżentattivi u bħala li ttieħdu f'intervalli regolari, peress li ebda kampjun ma ttieħed bejn Jannar u April 2012 u ebda kampjun għas-sena 2013 ma ntbagħat għal din l-agglomerazzjoni.

Agglomerazzjoni ta' Desfina

8. Peress li n-numru ta' kampjuni meħuda fl-2012 u fl-2013 ma kienx suffiċjenti, għaldaqstant dawn ma setgħux jittieħdu f'intervalli regolari, bħalma teħtieġ id-Direttiva (żewġ kampjuni biss meħuda fl-2012 minflok tnax, li jfisser li għaxar xhur ma ġewx koperti, tmien kampjuni meħuda fl-2013, li minnhom tnejn jikkonċernaw ix-xahar ta' Lulju, li jfisser li ħames xhur ma ġewx koperti).

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 26.

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesfinanzgericht (l-Awstrija) fis-7 ta Lulju 2015 – Christine Nigl et

(Kawża C-340/15)

(2015/C 328/03)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Bundesfinanzgericht

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Christine Nigl, Gisela Nigl sen., Gisela Nigl jun., Josef Nigl jun., Martin Nigl

Konvenut: Finanzamt Waldviertel

Domandi preliminari ([1]) ([2])

1) Tliet gruppi ta' persuni li huma komposti minn diversi membri ta' familja waħda, li jidhru bħala tali b'mod indipendenti fil-konfront tal-forniturі tagħhom u fil-konfront tal-awtoritajiet pubbliċi, li kull wieħed minnhom għandu, bl-eċċezzjoni ta' żewġ beni ekonomiċi, il-mezzi tal-operat proprji tiegħu, iżda li jikkummerċjalizzaw parti kbira mill-prodotti tagħhom taħt trade mark komuni permezz ta' kumpannija b'kapital azzjonarju li l-ishma tagħha huma miżmuma mill-membri tal-gruppi ta' persuni kif ukoll minn membri oħra tal-familja, huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli)?

2) Fil-każ li t-tliet gruppi ta' persuni ma għandhomx jitqiesu li huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli), huma allura

   a) l-kumpannija b'kapital azzjonarju li tiżgura l-kummerċjalizzazzjoni, jew

   b) grupp ta' persuni kompost mill-membri tat-tliet gruppi ta' persuni, li ma jidhirx bħala tali fis-suq la fil-konfront tal-forniturі u lanqas fil-konfront tal-klijenti, jew

   c) grupp ta' persuni kompost mit-tliet gruppi ta' persuni u mill-kumpannija b'kapital azzjonarju, li ma jidhirx bħala tali fis-suq la fil-konfront tal-forniturі u lanqas fil-konfront tal-klijenti, li għandhom jitqiesu li huma impriża indipendenti?

3) Fil-każ li t-tliet gruppi ta' persuni ma għandhomx jitqiesu li huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli), ir-rifjut ta' din il-kwalità ta' impriża (persuna taxxabbli)

   a) jista' jiġi invokat fil-konfront tagħhom b'mod retroattiv, jew

   b) jista' jiġi invokat fil-konfront tagħhom fil-futur biss, jew

   c) ma jista' jiġi invokat fil-konfront tagħhom bl-ebda mod,

   jekk, inizjalment, dawn il-gruppi ta' persuni kienu, wara kontrolli fiskali, irrikonoxxuti mill-Finanzamt [Uffiċċju tal-finanzi] bħala impriżi indipendenti (persuni taxxabbli)?

4) Fil-każ li t-tliet gruppi ta' persuni għandhom jitqiesu li huma tliet impriżi indipendenti (persuni taxxabbli), dawn il-persuni, bħala persuni li jkabbru l-għeneb għall-produzzjoni tal-inbid u, għaldaqstant, bħala produtturi agrikoli, huma bdiewa koperti mis-sistema ta' rata fissa f'sitwazzjoni fejn, filwaqt li kull wieħed minn dawn il-gruppi ta' persuni, li jikkooperaw fuq il-livell ekonomiku, jaqa' individwalment taħt is-sistema ta' rata fissa għall-produtturi agrikoli, il-kumpannija b'kapital azzjonarju, grupp ta' persuni speċifiku kkostitwit minn membri tat-tliet gruppi ta' persuni jew grupp ta' persuni speċifiku kkostitwit mill-kumpannija b'kapital azzjonarju u minn membri tat-tliet gruppi ta' persuni huma esklużi minn din is-sistema mid-dritt nazzjonali minħabba d-daqs tal-azjenda jew minħabba l-forma ġuridika?

5) Fil-każ li s-sistema ta' rata fissa għall-produtturi agrikoli għandha bħala prinċipju tiġi eskluża għat-tliet gruppi ta' persuni, din l-esklużjoni

   a) tapplika b'mod retroattiv, jew

   b) tapplika biss għall-futur, jew

   c) ma tapplika bl-ebda mod?

([1]) Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ – Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Düsseldorf (il-Ġermanja) fl-14 ta' Lulju 2015 – Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen vs Hauptzollamt Bielefeld

(Kawża C-365/15)

(2015/C 328/04)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Finanzgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Wortmann KG Internationale Schuhproduktionen

Konvenut: Hauptzollamt Bielefeld

Domanda preliminari

L-Artikolu 241 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2913/92, tat-12 ta' Ottubru 1992, li jwaqqaf il-Kodiċi Doganali tal-Komunità ([1]) għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt nazzjonali msemmi minnu għandu wkoll jipprevedi, b'teħid inkunsiderazzjoni tal-prinċipju ta' effettività tad-dritt tal-Unjoni, għall-pagament ta' interessi fuq id-dazji fuq l-importazzjoni mħallsa lura għall-perijodu bejn id-data tal-pagament ta' dawn id-dazji u d-data tal-ħlas lura tagħhom, anki fil-każijiet fejn id-dritt għal ħlas lura ma kienx is-suġġett ta' talba quddiem qorti nazzjonali?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 4, p. 307.

Appell ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2015 minn Ackermann Saatzucht GmbH & Co.KG, Böhm-Nordkartoffel Agrarproduktion GmbH & Co. OHG, Deutsche Saatveredelung AG, Ernst Benary, Samenzucht GmbH, Freiherr Von Moreau Saatzucht GmbH, Hybro Saatzucht GmbH & Co. KG, Klemm + Sohn GmbH & Co. KG, KWS Saat AG, Norddeutsche Pflanzenzucht Hans-Georg Lembke KG, Nordsaat Saatzuchts GmbH, Peter Franck-Oberaspach, P. H. Petersen Saatzucht Lundsgaard GmbH, Saatzucht Streng – Engelen GmbH & Co. KG, Saka Pflanzenzucht GmbH & Co. KG, Strube Research GmbH & Co. KG, Gartenbau und Spezialkulturen Westhoff GbR, W. von Borries-Eckendorf GmbH & Co. KG mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-18 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-559/14, Ackermann Saatzucht GmbH & Co. KG *et* vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-408/15 P)

(2015/C 328/05)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: Ackermann Saatzucht GmbH & Co.KG, Böhm-Nordkartoffel Agrarproduktion GmbH & Co. OHG, Deutsche Saatveredelung AG, Ernst Benary, Samenzucht GmbH, Freiherr Von Moreau Saatzucht GmbH, Hybro Saatzucht GmbH & Co. KG, Klemm + Sohn GmbH & Co. KG, KWS Saat AG, Norddeutsche Pflanzenzucht Hans-Georg Lembke KG, Nordsaat Saatzuchts GmbH, Peter Franck-Oberaspach, P. H. Petersen Saatzucht Lundsgaard GmbH, Saatzucht Streng – Engelen GmbH & Co. KG, Saka Pflanzenzucht GmbH & Co. KG, Strube Research GmbH & Co. KG, Gartenbau und Spezialkulturen Westhoff GbR, W. von Borries-Eckendorf GmbH & Co. KG (rappreżentanti: P. de Jong, avukat, P. Vlaemminck, B. Van Vooren, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tikkonstata li l-Qorti Ġenerali, fid-digriet tagħha fil-Kawża T-559/14, wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-appellanti ma kinux ikkonċernati individwalment bir-Regolament (EU) Nru 511/2014 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri ta' konformità għall-utenti mill-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni;

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali fill-Kawża T-559/14 kollu kemm hu, u tiddikjara li l-appellanti huma direttament u individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat, u għaldaqstant tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

— tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex taqta' l-kawża fuq il-mertu.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel motiv tal-appell – L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li huma ma humiex ikkonċernati individwalment bir-regolament ikkontestat. Huma jsostnu li huma individwalment ikkonċernati fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE peress li hemm kunflitt ġuridiku bejn żewġ trattati internazzjonali li tagħhom hija parti kontraenti l-UE (il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, u l-Protokoll ta' Nagoya tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika), li minnhom l-ewwel waħda timplementa l-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika. Sussegwentement, iż-żewġ trattati internazzjonali ġew implementati mill-UE f'zewġ regolamenti direttament effettivi: ir-regolament preċedenti 2100/94 li jirrikonoxxi d-dritt fundamentali tal-libertà ta' ricerka favur l-appellanti, filwaqt li r-regolament ikkontestat li ħareġ wara jillimitaha drastikament. F'kull regolament, l-ebda intervent leġiżlattiv fil-livell tal-Istat Membru ma huwa meħtieġ jew saħansitra permess taħt id-dritt tal-UE, u l-ebda att implementattiv jew ta' delega ma għandu jiġi adottat fuq livell tal-UE.

F'dan il-kuntest legali, l-appellanti jsostnu li huma individwalment (u direttament) ikkonċernati fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE għaliex qed jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin: huma membri ta' klassi ġuridika ta' persuni ddefiniti b' "attributi ġuridiċi speċifiċi" (bħala benefiċjarji ta' dritt konkret ta' access liberu għal materjal ta' stabbiliment kummerċjali, i.e. l-eżenzjoni ta' min irabbi) li ma jinsabx fir-regolament ikkontestat innifsu imma f'regolament direttament effettiv ieħor li ma jeżiġix implementazzjoni ulterjuri fuq livell nazzjonali; li b'ħekk ir-regolament ikkontestat jinsab f'kunflitt ma regoli superjuri tad-dritt, liema regoli superjuri huma l-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE kif ukoll il-ftehim internazzjonali li tiegħu l-UE hija parti kontraenti; li b'ħekk il-klassi ġuridika hija magħluqa u assoluta, li tirrendi lill-appellanti individwalment ikkonċernati mhux biss f'termini soċjoekonomiċi, imma anki legali, ġaladarba din hija biss eżenzjoni fundamentali unika ta' min irabbi, minħajr ma taffettwa drittijiet oħra simili.

It-tieni motiv tal-appell – L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma tatx deċiżjoni fuq jekk il-leġiżlatura tal-UE kellhiex l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-appellanti fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet espressi ta' regoli tad-dritt ġerarkikament superjuri, fejn ir-regolament ikkontestat jimponi fuq l-appellanti relazzjoni kuntrattwali li tmur kontra ir-regola tad-dritt superjuri, speċifikament l-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE.

It-Tielet motiv tal-appell – L-appellanti jsostnu li konstatazzjoni ta' inammissibbiltà twassal għal lakuna fis-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja tal-UE, li tmur kontra l-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE. Minn naħa, min irabbi l-pjanti għandu drittijiet ġejjin direttament mir-regolament CPVR, li huwa l-implementazzjoni mill-UE tal-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE u tal-obbligi internazzjonali tal-UE taħt il-konvenzjoni UPOV. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament ikkontestat 511/2014 jimponi obbligu ta' diliġenza li huwa effettiv direttament, li bih ir-regolament ikkontestat huwa huwa nnifsu l-implementazzjoni tal-Protokoll Nagoya li tiegħu l-UE hija parti kontraenti. Fiż-żewġ każijiet, ma hija neċessarja bl-ebda mod implementazzjoni ulterjuri, u ma hijiex permessa legalment taħt id-dritt tal-UE, la mill-istituzzjonijiet tal-UE (fil-forma ta' atti regolatorji tal-UE), u lanqas mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Konsegwentement, l-Artikolu 267 TFUE ma jagħtix possibbiltà għal stħarriġ ġudizzjarju, u lanqas ma ser ikun hemm atti regolatorji fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE. L-appellanti jsostnu li, meta wieħed japplika l-kriterju tal-punt 92 tas-sentenza Inuit (C-583/11 P) li bih il-livell xieraq ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa marbut mar-responsabbiltà għall-implementazzjoni tal-miżura kkontestata, l-unika konklużjoni għandha tkun li, f'dan il-każ, l-azzjoni diretta taħt l-Artikolu 263 TFUE hija l-unika triq disponibbli għal stħarriġ ġudizzjarju.

([1]) ĠU L 150, p. 59

Appell ippreżentat fl-24 ta' Lulju 2015 minn ABZ Aardbeien Uit Zaad Holding BV, Agriom BV, Agrisemen BV, Anthura BV, Barenbrug Holding BV, De Bolster BV, Evanthia BV, Gebr. Vletter & Den Haan VOF, Hilverda Kooij BV, Holland-Select BV, Könst Breeding BV, Koninklijke Van Zanten BV, Kweek- en Researchbedrijf Agirco BV, Kwekerij de Wester-Bouwing BV, Limgroup BV, Ontwikkelingsmaatschappij Het Idee BV mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Il-Ħames Awla) fit-18 ta' Mejju 2015 fil-Kawża T-560/14, ABZ Aardbeien Uit Zaad Holding BV *et* vs Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

(Kawża C-409/15 P)

(2015/C 328/06)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Appellanti: ABZ Aardbeien Uit Zaad Holding BV, Agriom BV, Agrisemen BV, Anthura BV, Barenbrug Holding BV, De Bolster BV, Evanthia BV, Gebr. Vletter & Den Haan VOF, Hilverda Kooij BV, Holland-Select BV, Könst Breeding BV, Koninklijke Van Zanten BV, Kweek- en Researchbedrijf Agirco BV, Kwekerij de Wester-Bouwing BV, Limgroup BV, Ontwikkelingsmaatschappij Het Idee BV (rappreżentanti: P. de Jong, avukat, P. Vlaemminck, B. Van Vooren, avukati)

Partijiet oħra fil-proċedura: Il-Parlament Ewropew, Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tikkonstata li l-Qorti Ġenerali, fid-digriet tagħha fil-Kawża T-559/14, wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li l-appellanti ma kinux ikkonċernati individwalment bir-Regolament (EU) Nru 511/2014 ([1]) tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar miżuri ta' konformità għall-utenti mill-Protokoll ta' Nagoya dwar l-Aċċess għal Riżorsi Ġenetiċi u l-Qsim Ġust u Ekwu ta' Benefiċċji li Jirriżultaw mill-Użu tagħhom fl-Unjoni;

— tannulla d-digriet tal-Qorti Ġenerali fill-Kawża T-559/14 kollu kemm hu, u tiddikjara li l-appellanti huma direttament u individwalment ikkonċernati mir-regolament ikkontestat, u għaldaqstant tiddikjara r-rikors għal annullament ammissibbli;

— tibgħat lura l-kawża lill-Qorti Ġenerali sabiex taqta' l-kawża fuq il-mertu.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-ewwel motiv tal-appell – L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkonkludiet li huma ma humiex ikkonċernati individwalment bir-regolament ikkontestat. Huma jsostnu li huma individwalment ikkonċernati fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE peress li hemm kunflitt ġuridiku bejn żewġ trattati internazzjonali li tagħhom hija parti kontraenti l-UE (il-Konvenzjoni Internazzjonali għall-Protezzjoni tal-Varjetajiet Ġodda tal-Pjanti, u l-Protokoll ta' Nagoya tal-Konvenzjoni fuq id-Diversità Bijoloġika), li minnhom l-ewwel waħda timplementa l-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE dwar il-libertà tar-riċerka xjentifika. Sussegwentement, iż-żewġ trattati internazzjonali ġew implementati mill-UE f'żewġ regolamenti direttament effettivi: ir-regolament preċedenti 2100/94 li jirrikonoxxi d-dritt fundamentali tal-libertà ta' ricerka favur l-appellanti, filwaqt li r-regolament ikkontestat li ħareġ wara jillimitaha drastikament. F'kull regolament, l-ebda intervent leġiżlattiv fil-livell tal-Istat Membru ma huwa meħtieġ jew saħansitra permess taħt id-dritt tal-UE, u l-ebda att implementattiv jew ta' delega ma għandu jiġi adottat fuq livell tal-UE.

F'dan il-kuntest legali, l-appellanti jsostnu li huma individwalment (u direttament) ikkonċernati fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE għaliex qed jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin: huma membri ta' klassi ġuridika ta' persuni ddefiniti b' "attributi ġuridiċi speċifiċi" (bħala benefiċjarji ta' dritt konkret ta' access liberu għal materjal ta' stabbiliment kummerċjali, i.e. l-eżenzjoni ta' min irabbi) li ma jinsabx fir-regolament ikkontestat innifsu imma f'regolament direttament effettiv ieħor li ma jeżiġix implementazzjoni ulterjuri fuq livell nazzjonali; li b'hekk ir-regolament ikkontestat jinsab f'kunflitt ma regoli superjuri tad-dritt, liema regoli superjuri huma l-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE kif ukoll il-ftehim internazzjonali li tiegħu l-UE hija parti kontraenti; li b'hekk il-klassi ġuridika hija magħluqa u assoluta, li tirrendi lill-appellanti individwalment ikkonċernati mhux biss f'termini soċjoekonomiċi, imma anki legali, ġaladarba din hija biss eżenzjoni fundamentali unika ta' min irabbi, mingħajr ma taffettwa drittijiet oħra simili.

It-tieni motiv tal-appell – L-appellanti jsostnu li l-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta ma tatx deċiżjoni fuq jekk il-leġiżlatura tal-UE kellhiex l-obbligu li tieħu inkunsiderazzjoni b'mod partikolari s-sitwazzjoni tal-appellanti fuq il-bażi ta' dispożizzjonijiet espressi ta' regoli tad-dritt ġerarkikament superjuri, fejn ir-regolament ikkontestat jimponi fuq l-appellanti relazzjoni kuntrattwali li tmur kontra ir-regola tad-dritt superjuri, speċifikament l-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE.

It-Tielet motiv tal-appell – L-appellanti jsostnu li konstatazzjoni ta' inammissibbiltà twassal għal lakuna fis-sistema ta' protezzjoni ġudizzjarja tal-UE, li tmur kontra l-Artikolu 47 tal-Karta tal-UE. Minn naħa, min irabbi l-pjanti għandu drittijiet ġejjin direttament mir-regolament CPVR, li huwa l-implementazzjoni mill-UE tal-Artikolu 13 tal-Karta tal-UE u tal-obbligi internazzjonali tal-UE taħt il-konvenzjoni UPOV. Min-naħa l-oħra, ir-Regolament ikkontestat 511/2014 jimponi obbligu ta' diliġenza li huwa effettiv direttament, li bih ir-regolament ikkontestat huwa huwa nnifsu l-implementazzjoni tal-Protokoll Nagoya li tiegħu l-UE hija parti kontraenti. Fiż-żewġ każijiet, ma hija neċessarja bl-ebda mod implementazzjoni ulterjuri, u ma hijiex permessa legalment taħt id-dritt tal-UE, la mill-istituzzjonijiet tal-UE (fil-forma ta' atti regolatorji tal-UE), u lanqas mill-Istati Membri fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom. Konsegwentement, l-Artikolu 267 TFUE ma jagħtix possibbiltà għal stħarriġ ġudizzjarju, u lanqas ma ser ikun hemm atti regolatorji fis-sens tal-Artikolu 263(4) TFUE. L-appellanti jsostnu li, meta wieħed japplika l-kriterju tal-punt 92 tas-sentenza Inuit (C-583/11 P) li bih il-livell xieraq ta' stħarriġ ġudizzjarju huwa marbut mar-responsabbiltà għall-implementazzjoni tal-miżura kkontestata, l-unika konklużjoni għandha tkun li, f'dan il-każ, l-azzjoni diretta taħt l-Artikolu 263 TFUE hija l-unika triq disponibbli għal stħarriġ ġudizzjarju.

([1]) ĠU L 150, p. 59

IL-QORTI ĠENERALI

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Lulju 2015 – Opko Ireland Global Holdings vs UASI – Teva Pharmaceutical Industries (ALPHAREN)

(Kawża T-106/15) ([1])

("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Revoka tad-deċiżjoni kkontestata mill-UASI — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni")

(2015/C 328/07)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Opko Ireland Global Holdings Ltd (Dublin, l-Irlanda) (rappreżentanti: S. Malynicz, barrister, u A. Smith, solicitor)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: A. Folliard-Monguiral, aġent)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali: Teva Pharmaceutical Industries Ltd (Ġerusalemm, l-Iżrael) (rappreżentant: G. Farrington, solicitor)

Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tas-26 ta' Novembru 2014 (Każ R 2387/2014-5), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Teva Pharmaceutical Industries Ltd u Opko Ireland Global Holdings Ltd.

Dispożittiv

1) *Ma fadalx lok li tingħata deċiżjoni fuq ir-rikors.*

2) *L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandu jbati l-ispejjeż kollha.*

([1]) ĠU C 228, 13.07.2015.

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Ġunju 2015 – DIMA Verwaltungs vs UASI (Forma ta' reċipjent)

(Kawża T-326/15)

(2015/C 328/08)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: DIMA Verwaltungs GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Kerkhoff, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: it-trade mark Komunitarja tridimensjonali (Forma ta' reċipjent) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 649 174

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tal-20 ta' April 2015, fil-Każ R 2567/2014-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna lill-konvenut sabiex ikompli l-proċedura ta' reġistrazzjoni;

— sussidjarjament tikkonstata, li l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jipprekludix ir-reġistrazzjoni, u tibgħat lura l-każ quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ġunju 2015 – DEI vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-352/15)

(2015/C 328/09)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: Dimosia Epicheirisi Ilektrismou AE (DEI) (Ateni, il-Greċja) (rappreżentanti: E. Bourtzalas, D. Waelbroeck, Ch. Tagaras, Ch. Synodinos u E. Salaka, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2015)1942 finali tal-25 ta' Marzu 2015 fil-każ SA.38101, sa fejn din tal-aħħar tqis li ebda għajnuna mill-Istat ma ngħatat lil Alouminion u li, konsegwentement, ma hemmx lok li tiftaħ il-proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikolu 108(2) TFUE;

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2015)1942 finali tal-25 ta' Marzu 2015 fil-każ SA.34991, sa fejn din tal-aħħar tqis li l-ilment ta' DEI dwar l-għajnuna mill-Istat li jirriżulta mill-motivi tad-Deċiżjoni 346/2012 tal-Awtorità Regolatorja Griega għall-Enerġija (Rythmistiki Archi Energeias, il-Greċja) saret mingħajr suġġett fid-dawl tar-riżultat tad-Deċiżjoni 1/2013 tat-tribunal tal-arbitraġġ; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni tħallas l-ispejjeż ta' DEI.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur ta' rekwiżit proċedurali sostanzjali, billi l-att ikkontestat ma ssodisfax ir-rekwiżiti proċedurali stabbiliti għall-adozzjoni ta' tali deċiżjoni.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq motivazzjoni suffiċjenti, kontradizzjonijiet u l-ksur tal-obbligu li jiġu eżaminati l-punti rilevanti kollha ta' fatt u ta' liġi rilevanti sa fejn jikkonċerna l-evalwazzjoni li l-ftehim ta' arbitraġġ iddefinixxa l-"parametri ċari u oġġettivi" li "jillimitaw is-setgħa diskrezzjonalu tal-arbitri" u li kellu l-konsegwenza loġika li t-tariffa tal-elettriku kienet stabbilita għall-ammont finali tagħha.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat prudenti f'ekonomija tas-suq u tal-Artikoli 107(1) u 108(2) TFUE, sa fejn jikkonċerna l-evalwazzjoni li t-tariffa tal-elettriku stabbilita mid-deċiżjoni tat-tribunal tal-arbitraġġ tikkostitwixxi "konsegwenza loġika tal-parametri stabbiliti b'mod korrett fil-ftehim ta' arbitraġġ".

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 TFUE fir-rigward tal-evalwazzjoni li l-Kummissjoni ma kinitx obbligata li twettaq evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi kif ukoll fuq l-iżball manifest ta' liġi manifest u l-iżball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti sa fejn il-Kummissjoni naqset milli teżamina punti determinanti fir-rigward tal-konstatazzjoni tal-eżistenza jew le ta' għajnuna mill-Istat .

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) u 108(2) TFUE u fuq l-iżball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti fir-rigward tal-applikazzjoni tal-kriterju tal-investitur privat prudenti f'ekonomija tas-suq.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq l-iżball manifest ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFU, il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni suffiċjenti u l-iżball manifest ta' evalwazzjoni ta' fatti rigward id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ma tiħux passi dwar l-ilment ta' DEI tal-2012, skont l-Artikolu 108(2) TFUE, billi bbażat l-evalwazzjoni tagħha fuq il-fatt li dan l-ilment "sar mingħajr suġġett" wara l-għoti tad-Deċiżjoni 1/2013 tat-tribunal tal-arbitraġġ.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Lulju 2015 – Allergopharma vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-354/15)

(2015/C 328/10)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Allergopharma GmbH & Co. KG (Reinbek, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Müller-Ibold u F.-C. Laprévote, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni, tas-27 ta' Marzu 2015, dwar approvazzjoni ta' sistema ta' għajnuna lil impriżi farmaċewtiċi Ġermaniżi f'diffikultà finanzjarja fil-forma ta' eżenzjoni mill-obbligu ta' skont fuq il-prezz (SA.34881 (2013/C) (ex 2013/NN) (ex 2012/CP));

— tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq ksur tat-Trattati, tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni u tal-prinċipju ta' aspettattivi leġittimi peress li ma ttiħdux inkunsiderazzjoni l-Linji gwida dwar is-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ([1])

— L-ewwel motiv huwa bbażat fuq il-ksur, min-naħa tad-deċiżjoni, tal-prinċipji ġenerali ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi u fuq żball ta' liġi inkwantu, b'mod inammissibbli, iddegorat mil-Linji gwida vinkolanti dwar is-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni, minkejja li din id-deroga ma hijiex prevista fil-Linji gwida. Il-motivazzjoni fis-sens li l-eżenzjonijiet ma humiex intiżi sabiex iżommu b'mod artifiċjali fis-suq impriżi ineffiċjenti hija żbaljata sa fejn din (i) tiddistingwi bejn impriżi effiċjenti u ineffiċjenti, meta l-Linji gwida ma jagħmlux dan, u (ii) l-interpretazzjoni sottostanti tal-Kummissjoni ta' "effiċjenza" hija inkompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-għajnuna mill-Istat.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi, żball ta' fatt u żball manifest ta' evalwazzjoni fl-applikazzjoni tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE

— It-tieni motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni, filwaqt li tassumi li l-Kummissjoni tista' tevalwa direttament l-eżenzjonijiet skont il-kriterju tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE, hija vvizzjata b'sensiela ta' żbalji ta' liġi u żbalji manifesti ta' evalwazzjoni, sa fejn ma tiddefinixxix b'mod ċar l-għan tal-għajnuna u, għalhekk, ma tiċċarax għal xiex l-għajnuna hija neċessarja sabiex jintlaħaq dan l-għan. B'mod partikolari, skont ir-rikorrenti, il-Kummissjoni ma ħaditx inkunsiderazzjoni l-fatt li l-għajnuna għall-funzjonament approvata favur impriżi f'diffikultà hija fundamentalment inadegwata, skont il-ġurisprudenza, sabiex jintlaħqu għanijiet ta' interess komuni u li l-eżenzjonijiet ma għandhom ebda effett ta' inċentiv.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur ta' garanziji proċedurali importanti bħalma huwa d-dritt għal smigħ

— It-tielet motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata – bi ksur tad-dritt għal smigħ u l-garanziji proċedurali skont l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 ([2]) – teċċedi ferm ir-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet previsti fid-deċiżjoni ta' ftuħ. Minn naħa, id-deċiżjoni kkontestata twassal għall-konklużjoni li l-evalwazzjoni tal-għajnuna skont il-kriterju tal-Linji gwida dwar is-salvataġġ u r-ristrutturazzjoni ma hijiex proporzjonata, filwaqt li, skont id-deċiżjoni ta' ftuħ, dan huwa l-"unika bażi legali għall-kompatibbiltà mas-suq intern". Min-naħa l-oħra, mid-deċiżjoni kkontestata jsegwi li l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-għajnuna direttament skont il-kriterju tal-Artikolu 107(3)(c) TFUE hija eċċezzjonalment proporzjonata, minkejja li d-deċiżjoni ta' ftuħ ma fiha ebda indikazzjoni fir-rigward ta' din il-possibbiltà. Dan ċaħħad lir-rikorrenti mill-possibbiltà li tesprimi ruħha dwar tali kwistjonijiet finalment deċiżivi għall-Kummissjoni.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni

— Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq il-fatt li d-deċiżjoni kkontestata hija vvizzjata minn difetti serji ta' motivazzjoni sa fejn, fir-rigward ta' diversi punti, il-Kummissjoni ma pprovdietx kunsiderazzjonijiet li jistgħu jinftiehmu. B'mod partikolari, hija naqset milli tipprovdi motivazzjoni li tista' tinftiehem (i) fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' deroga tal-Artikolu 107(3)(ċ) TFUE u (ii) fir-rigward taċ-ċirkustanzi eċċezzjonali li jiġġustifikaw l-approvazzjoni ta' għajnuna għall-funzjonament, bħal fil-każ ineżami.

([1]) Linji gwida Komunitarji dwar l-għajnuna mill-Istat għas-salvataġġ u għar-ristrutturazzjoni tal-impriżi f'diffikultà (ĠU 2004, C 244, p. 2).

([2]) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999, tat-22 ta' Marzu 1999, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 1, p. 339).

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Lulju 2015 – DIMA Verwaltungs vs UASI (forma ta' kontenitur)

(Kawża T-383/15)

(2015/C 328/11)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: DIMA Verwaltungs GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Kerkhoff, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja tridimensjonali (forma ta' kontenitur) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 649 364

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI tas-27 ta' Marzu 2015 fil-Każ R 2568/2014-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tordna lill-konvenut jassumi mill-ġdid il-proċedura ta' reġistrazzjoni;

— sussidjarjament, tikkonstata li l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009 ma jipprekludix ir-reġistrazzjoni u tibgħat lura l-kawża quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2015 – European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji

(Kawża T-392/15)

(2015/C 328/12)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: European Dynamics Luxembourg SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Evropaiki Dinamiki – Proigmena Sistimata Tilepikinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja), European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: I. Ambazis u M. Sfyri, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (AEF)

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (AEF) li ġiet innotifikata lilhom fit-8 ta' Mejju 2015 permezz ta' ittra mid-Direttur tas-servizz tar-riżorsi u sostenn li biha l-AEF ikklassifikat l-offerta tar-rikorrenti fit-tieni pożizzjoni fil-kuntest ta' lott nru. 1 "żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni fil-post fuq il-bażi tal-ħin u tar-riżorsi allokati (inklużi studji u assistenza)" tal-proċedura tal-appell tal-offerti miftuħa Nru 2015/S019-029728 intitolata "ERA/2015/01/OP ESP-EISD 5 (Kuntratt ta' servizzi esterni fl-ambitu tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni għall-AEF)";

— tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea tal-Ferrovij li ġiet innotifikata lir-rikorrenti permezz ta' ittra mid-Direttur tas-servizz tar-riżorsi u sostenn li biha l-AEF ikklassifikat l-offerta tar-rikorrenti fit-tieni pożizzjoni fil-kuntest ta' lott nru. 2 "żvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni barra mill-post (inklużi studji u assistenza)" tal-proċedura tal-appell tal-offerti miftuħa Nru 2015/S019-029728 intitolata "ERA/2015/01/OP ESP-EISD 5 (Kuntratt ta' servizzi esterni fl-ambitu tal-iżvilupp ta' sistemi ta' informazzjoni għall-AEF)";

— tikkundanna lill-Aġenzija Ewropea tal-Ferroviji (AEF) għall-ispejjeż kollha.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjonijiet ikkontestati għandhom jiġu annullati, konformement mal-Artikolu 263 TFUE, minħabba li l-AEF kisret l-obbligu tal-motivazzjoni li taqa' fuqha peress li pprovdiet motivazzjoni insuffiċjenti fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-offerta teknika tar-rikorrenti b'paragun ma' offerti baxxi b'mod anormali.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – Gappol Marzena Porczyńska vs UASI – GAP(ITM) (GAPPoL)

(Kawża T-411/15)

(2015/C 328/13)

Lingwa tar-rikors: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: PP Gappol Marzena Porczyńska (Łódź, il-Polonja) (rappreżentant: J. Gwiazdowska, Konsulent Ġuridiku)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: GAP (ITM), Inc. (San Francisco, l-Istati Uniti tal-Amerika)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "GAPPoL" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 8 346 165

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-13 ta' Mejju 2015, fil-Każ R 686/2013-1

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tiddeċiedi b'mod definittiv billi temenda d-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tal-UASI permezz tać-ċaħda tal-oppożizzjoni anki fir-rigward tal-prodotti fil-klassijiet 20 u 25;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikoli 59 u 61(1) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009 u tar-Regola 50(2)(ħ) tar-Regolament Nru 2868/95;

— Ksur tal-Artikolu 76 tar-Regolament Nru 207/2009 u tar-Regola 50(2)(ġ) tar-Regolament Nru 2868/95;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikoli 8(5) u 9(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – U-R LAB vs UASI (THE DINING EXPERIENCE)

(Kawża T-422/15)

(2015/C 328/14)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: U-R LAB (Pariġi, Franza) (rappreżentant: G. Barbaut, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "THE DINING EXPERIENCE" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 587 697

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 2541/2014-4

Talbiet

— tannulla u tbiddel id-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – U-R LAB vs UASI (THE DINING EXPERIENCE)

(Kawża T-423/15)

(2015/C 328/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: U-R LAB (Pariġi, Franza) (rappreżentant: G. Barbaut, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "THE DINING EXPERIENCE" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 12 553 442

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tal-20 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 2542/2014-4

Talbiet

— tannulla u tirriforma d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – Schräder vs CPVO – Hansson (Seimora)

(Kawża T-425/15)

(2015/C 328/16)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Ralf Schräder (Lüdinghausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Leidereiter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jørn Hansson (Søndersø, id-Danimarka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprjetarju tad-dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta: il-parti l-oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell

Dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta kkonċernat: il-varjetà Komunitarja EU 8536 "SEIMORA"

Proċedimenti quddiem is-CPVO: proċedimenti ta' tħassir

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-24 ta' Frar 2015 fil-Każ A003/2010

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tannulla d-dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta SEIMORA b'effett mill-4 ta' Ottubru 2005;

— sussidjarjament, tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 48(4) tar-Regolament Nru 2100/94;

— Ksur tal-Artikolu 21(1) moqri flimkien mal-Artikolu 65 tar-Regolament Nru 2100/94.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – Schräder vs CPVO – Hansson (Seimora)

(Kawża T-426/15)

(2015/C 328/17)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Ralf Schräder (Lüdinghausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Leidereiter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jørn Hansson (Søndersø, id-Danimarka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem is-CPVO

Proprjetarju tad-dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta kkonċernat: id-dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta EU 8536 "SEIMORA"

Proċedimenti quddiem is-CPVO: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-24 ta' Frar 2015 fil-Każ A002/2014

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 2100/94;

— Ksur tal-Artikolu 20(1)(c) tar-Regolament Nru 2100/94, ikkunsidrat flimkien mal-Artikoli 11(1), 54(2) u 76 tar-Regolament Nru 2100/94 u mal-Artikolu 51 tar-Regolament Nru 874/2009.

Rikors ippreżentat fit-30 ta' Lulju 2015 – Schräder vs CPVO – Hansson (SUMOST-02)

(Kawża T-428/15)

(2015/C 328/18)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Ralf Schräder (Lüdinghausen, il-Ġermanja) (rappreżentant: T. Leidereiter, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti (CPVO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Jørn Hansson (Søndersø, id-Danimarka)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: ir-rikorrent

Dritt Komunitarju ta' varjetà ta' pjanta kkonċernat: "SUMOST-02" – Applikazzjoni Nru 2001/1759

Proċedimenti quddiem is-CPVO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Bord tal-Appell tas-CPVO tal-24 ta' Frar 2015 fil-Każ A007/2009

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lis-CPVO għall-ispejjeż.

Motivi invokati

— Ksur tal-Artikolu 48(4) tar-Regolament Nru 2100/94;

— Ksur tal-Artikolu 7 tar-Regolament Nru 2100/94 u tar-regoli dwar l-oneru u l-amministrazzjoni tal-prova.

Rikors ippreżentat fis-27 ta' Lulju 2015 – Islamic Republic of Iran Shipping Lines a.o. vs Il-Kunsill

(Kawża T-434/15)

(2015/C 328/19)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Islamic Republic of Iran Shipping Lines (Tehran, l-Iran); Hafize Darya Shipping Lines (HDSL) (Tehran); Safiran Payam Darya Shipping Lines (SAPID) (Tehran); Khazar Sea Shipping Lines (Anzali Free Zone, l-Iran); Rahbaran Omid Darya Ship Management Co. (Tehran); Irinvestship Ltd (Londra, ir-Renju Unit); u IRISL Europe GmbH (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Taher, Solicitor, M. Malek, QC, u R. Blakeley, Barrister)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas lir-rikorrenti kumpens, f'ammont li għandu jiġi stabbilit matul din il-proċedura, iżda f'ammont ta' mhux inqas minn USD 571 040 504, flimkien mal-interessi; u

— tikkundanna lill-Kunsill iħallas l-ispejjeż tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw motiv wieħed, li jallega li l-impożizzjoni mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ta' miżuri restrittivi fuq ir-rikorrenti kienet ksur suffiċjentement serju ta' obbligi initiżi sabiex jagħtu drittijiet lir-rikorrenti u għaldaqstant ġiet stabbilita r-responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea. Dan il-ksur kien il-kawża diretta ta' danni materjali u mhux materjali sinjifikattivi lir-rikorrenti li għalihom huma intitolati jiġu kkumpensati.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – Kolachi Raj Industrial vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-435/15)

(2015/C 328/20)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Kolachi Raj Industrial (Private) Ltd (Karachi, il-Pakistan) (rappreżentant: P. Bentley, QC)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob lill-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/776 ([1]) sa fejn dan:

  — (i) jiċħad it-talba tar-rikorrenti għal eżenzjoni minn kwalunkwe estensjoni ta' miżuri antidumping għal importazzjonijiet ta' roti kkunsinnati mill-Pakistan;

  — (ii) jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 ([2]) fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina għal importazzjonijiet ta' roti kkunsinnati mir-rikorrenti mill-Pakistan; u

  — (iii) jordna l-ġbir tal-imsemmi dazju fuq importazzjonijiet ikkunsinnati mill-Pakistan u rreġistrati skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) Nru 938/2014 ([3]).

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrenti tinvoka motiv wieħed, ibbażat fuq l-allegazzjoni li l-konvenuta kisret l-Artikolu 13(2) (b) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1225/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea (ĠU L 343, p. 51). B'mod iktar speċifiku, fl-applikazzjoni tal-Artikolu 13(2)(b) il-konvenuta wettqet żbalji proċedurali u ta' liġi, u użat raġunament mhux koerenti.

([1]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/776, tat-18 ta' Mejju 2015, li jestendi d-dazju antidumping definittiv impost mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għal fuq importazzjonijiet ta' roti kkonsenjati mill-Kambodja, mill-Pakistan u mill-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kambodja, mill-Pakistan u mill-Filippini kif ukoll jekk le (ĠU L 122, p. 4).

([2]) Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013, tad-29 ta' Mejju 2013, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 990/2011 li jimponi dazju antidumping definittiv fuq importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina wara rieżami interim skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009 (ĠU L 153, p. 17).

([3]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 938/2014, tat-2 ta' Settembru 2014, li jibda investigazzjoni rigward il-possibbiltà ta' evażjoni tal-miżuri antidumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 502/2013 fuq l-importazzjonijiet ta' roti li joriġinaw mir-Repubblika Popolari taċ-Ċina b'importazzjonijiet ta' roti kkunsinjati mill-Kambodja, il-Pakistan u l-Filippini, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Kambodja, il-Pakistan u l-Filippini u kemm jekk le, u li jagħmel tali importazzjonijiet soġġetti għar-reġistrazzjoni (ĠU L 263, p. 5).

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 – Consorzio Vivaisti viticoli pugliesi e Negro vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-436/15)

(2015/C 328/21)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Consorzio Vivaisti viticoli pugliesi (Otranto, l-Italja); Negro Daniele (Otranto) (rappreżentanti: V. Pellegrino u A. Micolani, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— preliminarjament, tissospendi, il-miżura sa fejn tirrigwarda r-rikorrenti, skont l-Artikolu 278 TFUE;

— tivverifika u tiddikjara l-illegalità tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2015/789 u b'mod partikolari tal-Artikolu 9 tal-Anness I, fil-parti fejn jiġu kklassifikati l-ispeċijiet *Vitis* fost dawk suxxettibbli għall-iżolati Ewropej u mhux Ewropej ta' *Xylella fastidiosa* u għaldaqstant jipprojbixxu l-moviment tagħha "fi ħdan l-Unjoni, fi ħdan jew barra miż-żoni demarkati" u konsegwentement tannullaha sa fejn tirrigwarda lir-rikorrenti;

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż tal-proċedura;

— tikkundanna lill-konvenuta għal kull miżura oħra xierqa, inkluż investigazzjoni ulterjuri, anki permezz l-EFSA.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità tal-Artikolu 5 TUE u l-Artikolu 296 TFUE, il-ksur tal-forom proċedurali prermezz tan-nuqqas ta' motivazzjoni u/jew ta' motivazzjoni żbaljata, kif ukoll ta' użu ħażin ta' poter minħabba żball fil-premessi ta' fatt u ta' dritt; u kuntradizzjoni interna.

Ir-rikorrenti jippreċiżaw li r-rikors huwa bbażat fuq l-istudji magħmula mir-riċerkaturi taċ-CNR ta' Bari, li abbażi ta' osservazzjonijiet, analiżi u esperimenti, fuq il-post u fil-laboratorju, juri li:

— il-batterju iżolat f'Salento huwa subspeċi u strejn differenti minn dik notorjament responsabbli għall-fitopatoloġiji tal-ħajja fil-kontenenti barra mill-Ewropa;

— mill-2013 sal-lum id-dwieli kkoltivati fil-Provinċja ta' Lecce ma mmanifestaw ebda sintomu la tal-marda ta' Pierce, u lanqas ta' tnixxif patoloġiku ieħor;

— fl-istess perijodu fuq l-istess dwieli ma nstabet l-ebda traċċa tal-batterju, lanqas fiż-żoni qrib u b'kuntatt dirett mas-siġar taż-żebbuġ infettati;

— l-esperimenti li saru fuq id-dielja fil-laboratorju (permezz ta' inokulazzjoni u/jew permezz ta' kuntatt mal-vettur) kollha taw riżultat negattiv, kemm fir-rigward tal-iżvilupp tal-infezzjoni kif ukoll fir-rigward tal-preżenza stess tal-betterju f'forma asintomatika.

Għalhekk, skont ir-rikorrenti, l-inklużjoni tad-dielja fost il-pjanti speċifikati tirriżulta, illegali peress li ma tieħux inkunsiderazzjoni r-riżultati tal-investigazzjoni li minna jirriżulta li ċerta immunità tad-dielja għall-batterju mxerred fiż-żona infettata.

Il-miżura hija wkoll kontradittorja peress li wara l-ewwel parir EFSA 26/11/2013, fejn ġie stabbilit nuqqas ta' għarfien tal-istrejn ta' *Xylella fastidiosa* li tfaċċa f'Salento, il-Kummissjoni fid-deċiżjonijiet preċedenti Nru 87 u Nru 497 tal-2014 ma kinitx inkludiet id-dwieli fost il-pjanti suxxettibbli, filwaqt li sorprendentement sussegwentement inkludietha fiha u pprojbiet il-moviment tagħha minkejja li kienu saru studji iktar iddettaljati mill-EFSA nnifisha u mill-awtoritajiet Taljani li urew l-immunità tagħha għall-istess batterju iżolat f'Salento.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 – Eden Green Vivai Piante di Verdesca Giuseppe *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-437/15)

(2015/C 328/22)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Eden Green Vivai Piante di Verdesca Giuseppe (Copertino, l-Italja), Azienda Agricola Cairo & Doutcher di Cairo Uzi & C. Ss (Copertino, l-Italja), Ss Agricola Cairo Vito & Strafella Maria Rosa (Copertino, l-Italja), Vivai Del Salento Di Castrignano' Carmelo Antonio (Sanarica, l-Italja), Società Agricola Castrignano' Vivai Srl (Muro Leccese, l-Italja), Piante In Di Cipressa Carmine (Copertino, l-Italja), D'Elia Simone (Leverano, l-Italja), De Laurenzis Giuseppe (Copertino, l-Italja), Verde Giuranna Di Giuranna Alessio Mauro (Parabita, l-Italja), Maiorano Maurizio (Copertino, l-Italja), Vivai Mazzotta Di Mazzotta Carmine (Copertino, l-Italja), Società Agricola Mello Vivai di Mello Antonio Snc (Veglie, l-Italja), Mello Alessandro (Leverano, l-Italja), Mello Lucio (Carmiano, l-Italja), Romano Alessio Luigi (Giurdignano, l-Italja), Sansone Antonio (Copertino, l-Italja), Vivai Tarantino Ss (Cavallino, l-Italja), Verdesca Paolo (Copertino, l-Italja), Verdesca Giuseppe (Copertino, l-Italja), Hobby Flora di Miggiano Luigi (Poggiardo, l-Italja), Mauro Stefano (Muro Leccese, l-Italja), Miggiano Emanuele (Montesano Salentino, l-Italja), Miggiano Garden Center Sas di Miggiano Gianluigi & C. (San Cassiano, l-Italja), Miggiano Claudio (Maglie, l-Italja), Vivai Piante Rizzo Carmelo (Lecce, l-Italja), Cairo Antonio (Nardo', l-Italja), Floricoltura Marti di Marti Sandro (Porto Cesareo, l-Italja), Azienda Agricola Mariani Fabrizio (Alliste, l-Italja), Giannotta Giuseppe (Leverano, l-Italja), Ligetta & Solida Srl (Alezio, l-Italja), Vivai Caputo Sas di Carbone R. & F. Ss (San Donaci, l-Italja), Perrone Cosimo (Leverano, l-Italja), Durante Giuseppina (Leverano, l-Italja), Società Agricola CO.VI.SER Srl (Arnesano, l-Italja), Miggiano Antonio (Sanarica, l-Italja), Castrignano' Antonio (Sanarica, l-Italja), Stincone Giorgio (Sanarica, l-Italja), Zecca Fabio (Leverano, l-Italja), Società Agricola Florsilva Srl (Copertino, l-Italja) (rappreżentanti: G. Manelli, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni (UE) Nru 2015/789, tat-18 ta' Mejju 2015 u ppubblikata fil-ĠUUE fil-21 ta' Mejju 2015.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

1. Il-ksur tar-regoli proċedurali sostanzjali, in-nuqqas assolut ta' motivazzjoni, in-nuqqas ta' razzjonalità manifesta u l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

Ir-rikorrenti jsostnu li:

— Il-Kummissjoni Ewropea, minkejja l-fatt li rrikonoxxiet serje ta' studji li saru fil-kuntest Ewropew, ma tgħaddix ir-riżultati ta' tali studji u għaldaqstant ma tippermettix li jiġi evalwat jekk il-miżuri applikati humiex adegwati jew le. Hija lanqas ma tagħti spjegazzjoni tar-raġunijiet għala qieset li kellha taċċetta lista ta' iktar minn 180 pjanta speċifikata li, minkejja l-fatt li teoretikament jistgħu jkunu ospiti tal-Xylella fastidiosa, dawn ma nstabux fil-Provinċja ta' Lecce; lanqas ma tispjega r-raġunijiet għala qieset li kellha tindika fi ħdan l-Anness I numru ta' speċi li jaqbeż l-180 fejn kienu inklużi anki pjanti sensittivi għaż-żoni "mhux Ewropej", li ovvjament ma humiex rilevanti fit-territorju kkonċernat.

— Il-Kummissjoni Ewropea ma tispjegax ir-raġunijiet għala dehrilha li kellha tapplika projbizzjoni b'mod indiskriminat taċ-ċaqlieq tal-pjanti msemmija fl-Anness I u b'hekk qed tiġi eskluża mill-bidu l-possibbiltà li jintużaw miżuri alternattivi li jistgħu jieħdu ħsieb jilqgħu r-riskju ta' diffużjoni.

— Il-Kummissjoni Ewropea ma tispjegax liema regola tal-Unjoni Ewropea tiġġustifika l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' implementazzjoni, ma tispjegax ir-raġunijiet għala tmur lil hinn mill-prinċipju ta' sussidjarjetà, f'sitwazzjoni fejn l-Istat Membru mhux biss għandu l-kompetenza, iżda eżerċita wkoll ir-rwol rilevanti u ma tispjegax ir-raġunijiet li minħabba fihom id-deċiżjoni għandha titqies proporzjonata fir-rigward tal-għan segwit, fl-assenza ta' paragun, jew fi kliem ieħor, ibbilanċjar espliċitu tal-interessi.

2. Il-ksur tar-regoli proċedurali sostanzjali taħt aspett ieħor, in-nuqqas assolut ta' motivazzjoni, in-nuqqas ta' razzjonalità manifesta u l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

— Skont ir-rikorrenti ma huwiex ċar abbażi ta' liema preżunzjonijiet xjentifiċi l-pjanti speċifikati ma jistgħux ikunu s-suġġett ta' ċaqlieq ladarba kienu rrikonoxxuti, permezz ta' eżamijiet xierqa li għandhom valur xjentifiku, u li ma humiex attakkati mill-patoġenu. Lanqas ma huwa ċar għal liema raġunijiet pjanta li kkompletat parti miċ-ċiklu ta' żvilupp tagħha 'l barra mis-sistema tal-iscreen house ma tistax tiġi introdotta f'sistemi oħra sabiex tikkompleta ċ-ċiklu ta' ħajja tagħha b'mod korrett sabiex imbagħad titqiegħed għall-bejgħ.

3. Il-ksur tal-Artikolu 5(3) u (4) tat-Trattat u tar-regoli tad-dritt dwar l-applikazzjoni tiegħu, il-ksur tal-prinċipju ta' sussidjarjetà u l-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

Skont ir-rikorrenti:

— Id-deċiżjoni Komunitarja hija illeġittimà b'riferiment speċifiku għar-regola fl-Artikolu 6 intitolat "Miżuri ta' qerda". Ir-regola hija abberranti u żejda peress li l-applikazzjoni tagħha hija imposta fuq pjanti b'saħħithom jew anki fuq pjanti li hemm is-suspett biss li huma infettati sa 100 metru mis-sit tal-pjanta infettata. Tali leġiżlazzjoni ma għandha l-ebda loġika fuq bażi xjentifika u iktar minn hekk hija sproporzjonata fid-dawl tal-għan li trid taqdi.

— Id-deċiżjoni Komunitarja hija illeġittimà anki b'riferiment għar-regola fl-Artikolu 9 intitolat "Ċaqlieq tal-pjanti speċifikati fi ħdan l-Unjoni" peress li timponi projbizzjoni b'mod indiskriminat u inġustifikata taċ-ċaqlieq indipendentement mill-istat tas-saħħa tal-pjanta. Element bħal dan jidher iktar serju jekk wieħed jaħseb biss dwar il-fatt li projbizzjoni inkwistjoni hija imposta kemm barra miż-żona delimitata, kif ukoll fi ħdanha.

— Id-deċiżjoni kkontestata tikser il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' sussidjarjetà.

— Id-deċiżjoni Komunitarja hija illeġittima b'riferiment speċifiku għall-Artikolu 9(2)(d), (f) u (h), fejn, għall-finijiet tad-deroga mid-dispożizzjoni msemmija fl-ewwel paragrafu, hemm impost żona ta' rispett ta' 200 metru madwar is-sit ta' fejn hemm il-kultivazzjoni u hemm previst serje ta' xogħlijiet f'din l-istess żona. Tali deroga evidentement ma tistax tiġi attwata peress li ż-żona ta' rispett ta' madwar is-sit ta' fejn hemm il-kultivazzjoni tista' ma taqax taħt il-kontroll tal-impriżi għat-tkabbir tal-pjanti, fil-każijiet kollha fejn tali żona tagħmel parti mill-proprjetà ta' terzi.

Rikors ippreżentat fl-4 ta' Awwissu 2015 – Amrita *et* vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-439/15)

(2015/C 328/23)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Soc. Coop. Amrita arl (Scorrano, l-Italja), Cesi Marta (Alliste, l-Italja), Comune Agricola Lunella – Soc. Mutua Coop Agricola (Galatone, l-Italja), Mustich Loredana Faustina (Lequile, l-Italja), Rollo Olga (Lecce, l-Italja), Borrello Claudia (Salve, l-Italja), Società agricola Merico Maria Rosa di Consiglia, Marta e Vito Lisi (Miggiano, l-Italja), Marzo Luigi (Specchia, l-Italja), Azienda Agricola Piccapane di Pellegrino Giuseppe (Castrignano del Capo, l-Italja), Azienda Agricola Le Lame di Russo Antonello e Russo Gianluigi Ss (Cutrofiano, l-Italja), Lanzieri Ivana (Ugento, l-Italja), Stendardo Giovanni (Presicce, l-Italja), Stasi Anna Maria (Castrignano del Capo, l-Italja), Azienda Agricola Crie di Miggiano Gianluigi (Muro Leccese, l-Italja), Castriota Maria Grazia (Galatone, l-Italja), Gabrieli Tommasi Emanuele (Calimera, l-Italja), Azienda Agricola di Canioni Fiorella (Melendugno, l-Italja), Azienda Agricola Spirdo Ss agricola (Ruffano, l-Italja), Coppola Silvia (Guagnano, l-Italja), Fondazione le Costantine (Uggiano la Chiesa, l-Italja), Impresa Agricola Stefania Stamerra (Lecce, l-Italja), Azienda Agricola Clemente Pezzuto di Pezzuto Francesco (Trepuzzi, l-Italja), Cooperativa Sociale Terrarossa (Tricase, l-Italja), Vaglio Irene (Tricase, l-Italja), Simone Cosimo Antonio (Morciano di Leuca, l-Italja), Azienda Agrituristica "Gli Ulivi" di Baglivo Cesaria (Tricase, l-Italja), Preite Osvaldo (Taurisano, l-Italja), Masseria Alti Pareti Società Agricola arl (Maglie, l-Italja), Società Agricola Li Matonni Sas di Sammarco Ascanio & C. (Erchie, l-Italja) (rappreżentanti: L. Paccione u V. Stamerra, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu lill-Qorti Ġenerali jogħġobha tannulla d-deċiżjoni ta' implimentezzjoni tal-Kummissjoni Ewropea tat-18 ta' Mejju 2015, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru 125/36 tal-21 ta' Mejju 2015, dwar "Deċiżjoni ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18/05/2015 fir-rigward ta' miżuri li jipprevjenu l-introduzzjoni u t-tixrid fl-Unjoni tal-*Xylella fastidiosa* (Wells et al)", sa fejn hemm bżonn tat-tħassir minn qabel tad-Direttiva tal-Kunsill Nru 2000/29/KE, tat-8 ta' Mejju 2000, ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea Nru 169 tal-10 ta' Lulju 2000. Bil-konsegwenzi legali kollha anki fir-rigward tal-ispejjeż tal-kawża.

Motivi u argumenti prinċipali

Id-deċiżjoni kkontestata f'din il-kawża hija l-istess bħal dik fil-kawżi T-436/15, ConsorzioVivaisti viticoli pugliesi e Negro vs Il-Kummissjoni, u T-437/15, Eden Green Vivai Piante di Verdesca Giuseppe *et* vs Il-Kummissjoni.

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw sittax-il motiv.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità tad-Direttiva 2000/29 minħabba ksur tal-Artikolu 48 TUE fid-dawl tal-Artikolu 3 TFUE u tal-Artikolu 5 TUE, dwar inkompetenza u ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali.

   — Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward li d-direttiva tagħti lill-Unjoni kompetenza esklużiva li ma hijiex irrikonoxxuta mit-trattati.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq l-illeġitimità tad-Direttiva 2000/29 minħabba inkompetenza u ksur tal-Artikolu 5 TUE fid-dawl tal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' sussidjarjetà.

   — Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward li d-direttiva tagħti lill-Kummissjoni s-setgħa, li ma hijiex irrikonoxxuta mit-trattati, li tħassar il-miżuri adottati mill-Istat Membru fil-qasam tal-leġiżlazzjoni tar-rekwiżiti tas-saħħa tal-pjanti.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni 2015/789 minħabba l-illeġittimità tal-imsemmija Direttiva 2000/29 kif indikat fil-punti 1 u 2 preċedenti.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikolu 6 TUE fid-dawl tal-prinċipju ta' effettività tal-protezzjoni ġudizzjarja mogħtija preċedentement lir-rikorrenti mit-tribunal amministrattiv tal-Istat Taljan.

5. Il-ħames motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikolu 5 TUE fid-dawl tal-prinċipji ta' kooperazzjoni leali u ta' sussidjarjetà minħabba l-assenza assoluta ta' motivazzjoni dwar il-punt deċiżiv tal-insuffiċjenza eventwali tal-azzjonijiet kontra l-batterju *Xylella fastidiosa* min-naħa tal-Istat Membru.

6. Is-sitt motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikolu 5 TUE, fid-dawl tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni.

— Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward li l-konklużjoni imposta li tinsab fid-deċiżjoni kkontestata tidher eċċessiva fid-dawl tal-għanijiet iddikjarati.

7. Is-seba' motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2015/789 minħabba ksur tar-regola ISPM Nru 9 fid-dawl tal-Artikolu 5 TUE u l-Protokoll (Nru 2) TFUE dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' prekawzjoni.

8. It-tmien motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 sa fejn, bi ksur tal-Artikolu 5 TUE u tal-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit fih, tindika l-provinċja kollha ta' Lecce bħala "żona infettata" u żona ta' mill-inqas 10 kilometri fit-Tramuntana tal-imsemmija provinċja bħala "żona ta' lqugħ". Il-miżura kkontestata tikser barra minn hekk il-forom essenzjali tad-deċiżjoni peress li hija nieqsa mill-analiżi u l-motivazzjoni, kif ukoll hija vvizzjata b'fehmiet żbaljati u inġusti.

9. Id-disa' motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikolu 5 TUE u inkompetenza, peress li huwa biss l-Istat Taljan li seta' jidentifika u jiddelimita ż-żona infettata eventwali.

10. L-għaxar motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikolu 5 TUE u nuqqas ta' ġurisdizzjoni sa fejn qed tiġi indikata fiha l-projbizzjoni tħawwil ta' pjanti esterni fiż-"żona infettata"; u minħabba ksur tal-Artikolu 1 tal-Protokoll addizzjonali għall-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, peress li l-att ikkontestat jissarraf f'limitazzjoni mhux ikkodifikata tad-drittijiet *in rem* tar-rikorrenti fuq art agrikola fil-pussess tagħhom.

11. Il-ħdax-il motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikoli 11 u 191 TFUE, minħabba ksur tal-prinċipju ta' prekawzjoni u tal-Artikolu 5 TUE fid-dawl tad-Direttiva Komunitarja Nru 2001/42, billi l-miżura ta' qtugħ ta' pjanti infettati u b'saħħithom f'radju ta' 100 metru, fl-imkien mal-impożizzjoni ta' trattamenti għall-protezzjoni tal-pjanti obbligatorji għall-eradikazzjoni tal-insett li jġorr, jikkawża ħsara għall-ambjent u tibdil fil-profil tal-pajsaġġ ta' Salento fl-assenza tal-evalwazzjoni strateġika ambjentali u tal-eżami tar-riskji fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tal-bniedem.

12. It-tnax-il motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikoli 11 u 191 TFUE u tad-Direttiva Komunitarja Nru 43/1992 għaliex il-miżuri adottati ma jevalwawx ir-riskji li qtugħ, eradikazzjoni u prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jista' jkollhom fuq partijiet tat-territorju protetti b'mod speċjali mid-dritt tal-Unjoni għaliex iddeżinjati bħala żoni ta' protezzjoni speċjali, parki naturali u siti ta' interess Komunitarju.

13. It-tlettax-il motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Konvenzjoni Ewropea dwar il-paesaġġ, iffirmata f'Firenze fl-20 ta' Ottubru 2000, u minħabba ksur tal-Artikoli 191 u 11 TFUE, fid-dawl tad-Direttiva Komunitarja Nru 43/1992.

— Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward li l-miżura tal-UE timponi l-qtugħ indiskriminat tas-siġar taż-żebbuġ bl-obbligu ta' amministrazzjoni ta' pestiċidi kimiċi strettament ipprojbiti f'agrikoltura bijoloġika, u b'hekk effettivament iġibu l-falliment tal-kumpanniji rikorrenti li ilhom snin jipprattikaw it-tkabbir taż-żebbuġ organiku.

14. L-erbatax-il motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tar-Regolament 178/2002, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-28 ta' Jannar 2002, u tal-Artikoli 11 u 191 TFUE ukoll fid-dawl tad-Direttiva KE 2009/128, u tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-forom proċedurali sostanzjali.

— Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward li d-Deċiżjoni UE tobbliga lir-rikorrenti jamministraw sustanzi kimiċi li ma humiex awtorizzati fl-agrikoltura bijoloġika u sabiex jaqtgħu l-pjanti anki ssusspettati biss li huma infettati. Tali miżuri jmorru kontra l-indikazzjonijiet tal-opinjonijiet xjentifiċi tal-Awtorità Ewropea dwar is-sigurtà fl-ikel, barra mill-fatt li huma bbażati fuq il-perżważjoni tal-eżistenza ta' rabta kawżali bejn tnixxif mgħaġġel taż-żebbuġ u l-batterju *Xylella*, li sa llum għada mhux ipprovata.

15. Il-ħmistax-il motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 sa fejn il-Kummissjoni Ewropea, minflok ma adottat miżuri provviżorji ta' ġestjoni tar-riskju neċessarji sabiex jiġi ggarantit il-livell għoli ta' ħarsien tas-saħħa, użat approċċ purament ipotetiku tar-riskju li l-Qorti tal-Ġustizzja teskludi tassattivament.

16. Is-sittax-il motiv, ibbażat fuq l-illeġittimità diretta tad-Deċiżjoni 2015/789 minħabba ksur tal-Artikolu 5 TUE, minħabba ksur tal-forom proċedurali sostanzjali u minħabba ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

— Qed jiġi sostnut f'dan ir-rigward li l-użu tal-pestiċidi u l-miżura ta' eradikazzjoni, meqjusa mill-EFSA li huma ineffikaċi u li mhux pratikabbli, ma humiex neċessarji għall-għan li d-dritt tal-UE jrid jilħaq bid-Direttiva 2000/29/KE, u b'hekk tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità.

Rikors ippreżentat fil-31 ta' Lulju 2015 – European Dynamics Luxembourg *et* vs L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

(Kawża T-441/15)

(2015/C 328/24)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrenti: European Dynamics Luxembourg SA (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Evropaïki Dynamiki – Proigmena Systimata Tilepikoinonion Pliroforikis kai Tilematikis AE (Ateni, il-Greċja), European Dynamics Belgium SA (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: I. Ampazis u M. Sfyri, avukati)

Konvenuta: L-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

Talbiet

— Tannulla d-deċiżjoni tal-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (AEM) li ġiet innotifikata lir-rikorrenti fl-4 ta' Ġunju 2015 b'posta elettronika tad-Direttur tar-Riżorsi Teknoloġiċi u tal-Informatika li permezz tagħha l-AEM ċaħdet tnejn mill-kandidati li r-rikorrenti pproponew wara t-talba għall-għoti ta' servizzi (request form for services) Nru SC001, fl-ambitu tal-kuntratt-qafas EMA/2012/10/ICT;

— tikkundanna lill-AEM tikkumpensa d-dannu kkawżat lir-rikorrenti minħabba t-telf ta' opportunità ta' konklużjoni ta' kuntratt speċifiku għal direttur ta' proġett (project manager) fil-kuntest tat-talba għall-għoti ta' servizzi (request form for services) Nru SC001, li huma jevalwaw *ex æquo et bono* fl-ammont ta' EUR 8 000, flimkien mal-interessi dekorribbli mid-data ta' adozzjoni tad-deċiżjoni jew kwalunkwe ammont ieħor li l-Qorti Ġenerali tqis xieraq; u

— tikkundanna lill-AEM tbati l-ispejjeż kollha tar-rikorrenti.

Motivi u argumenti prinċipali

Ir-rikorrenti jqisu li d-deċiżjoni kkontestata għandha tiġi annullata, konformement mal-Artikolu 263 TFUE, peress li tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità, applikabbli għall-kuntratti pubbliċi. Speċifikament, id-deċiżjoni kkontestata ċaħdet il-kandidati tar-rikorrenti minħabba l-assenza ta' ċertifikazzjoni tal-metodu PRINCE2, kriterju li la huwa xieraq u lanqas neċessarju u li, għalhekk, imur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità applikabbli għall-kuntratti pubbliċi.

Konsegwentement, l-AEM wettqet ksur serju tad-dispożizzjoni legali inkwistjoni (l-Artikolu 102(1) tar-Regolament Finanzjarju), li hija intiża sabiex tagħti drittijiet lill-individwi, u kkawżat dannu lir-rikorrenti sa fejn dawn tilfu opportunità li jikkonkludu kuntratt speċifiku relatat ma' direttur ta' proġett (project manager), b'tali mod li l-kundizzjonijiet għall-kumpens għad-dannu huma ssodisfatti.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Awissu 2015 – EEB vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-448/15)

(2015/C 328/25)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: European Environmental Bureau (EEB) (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: B. Kloostra, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tiddikjara li l-Kummissjoni kisret ir-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u l-Konvenzjoni ta' Aarhus, b'mod partikolari:

a. l-Artikoli 1(1)(a), 3 u 6 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 ([1]) talli naqset li tinterpreta dawn id-dispożizzjonijiet skont l-Artikolu 4(1), (3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u/jew talli naqset li tapplikat direttament l-Artikolu 4(1), (3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus għall-informazzjoni dwar l-ambjent, peress li l-Artikoli 3 u 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 huma inkompatibbli mal-Artikolu 4(1), (3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u illegalment estendew ir-raġunijiet għal rifjut tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([2]) għall-informazzjoni dwar l-ambjent;

b. l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 għal nuqqas li tinterpreta u tapplika r-raġunijiet għal rifjut tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 b'mod restrittiv u/jew sabiex tieħu inkunsiderazzjoni l-interess pubbliku fl-iżvelar ta' informazzjoni dwar l-ambjenti u/jew it-teħid inkunsiderazzjoni li l-informazzjoni inkwistjoni hija relatata ma' emissjonijiet fl-ambjent;

— tiddikjara li l-Kummissjoni kisret ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, b'mod partikolari:

a. l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi ma tatx raġunijiet dettaljati għar-rifjut ta' aċċess għad-dokumenti kkonċernati;

b. l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 billi applikat l-ewwel paragrafu ta' din id-dispożizzjoni għal dokumenti relatati ma' proċess deċiżjonali finalizzat;

c. l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 talli naqset li tanalizza b'mod suffiċjenti jekk kienx hemm interess pubbliku ikbar fl-iżvelar;

d. l-Artikoli 6(3), 7(1) u (3) u 8(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 talli ma wettqet l-ebda sforz sabiex tikkonsulta informalment bil-ħsieb li tinstab soluzzjoni ġusta u talli ma ħaditx deċiżjoni fit-termini preskritti;

— tikkundanna lill-Unjoni kif irrappreżentata mill-Kummissjoni sabiex issewwi kwalunkwe ħsara mġarrba mill-EEB, inklużi l-interessi, bħala riżultat li l-EEB ma kellhiex aċċess f'waqtu għad-dokumenti mitluba, li ma ġewx żvelati mill-Kummissjoni skond it-termini stabbiliti fl-Artikoli 7 (1) u (3) u 8 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, għal ammont li għandu jiġi stabbilit mill-Qorti Ġenerali, iżda mhux inqas minn EUR 1;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata tal-Kummissjoni tal-1 ta' Ġunju 2015; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni tbati l-ispejjeż, inklużi l-ispejjeż tal-intervenjenti

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrent jinvoka l-argumenti u motivi li pejjin rigward il-ksur tal-Kummissjoni tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u 1049/2001 u l-Konvenzjoni ta' Aarhus ([3]):

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikoli 1(1) (a), 3 u 6 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 u/jew l-Artikoli 4 (1), (3) u (4) tal-Konvenzjoni

— l-informazzjoni mitluba tikkwalifika bħala informazzjoni dwar l-ambjent taħt il-Konvenzjoni ta' Aarhus u taħt l-Artikoli 2(d)(iii), 3 u 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006;

— l-Artikoli 3 u 6 (1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 huma inkompatibbli mal-Artikolu 4 (3) u (4) tal-Konvenzjoni ta' Aarhus u jkestendu illegalment ir-raġunijiet għal rifjut tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 għal informazzjoni dwar l-ambjent;

— Il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 1367/2006 rigward l-interpretazzjoni restrittiva tal-eċċezzjonijiet għar-regola ewlenija ta' żvelar, fir-rigward tal-obbligu tal-ibbilanċjar tal-interessi u dwar ir-"regola ta' emissjonijiet".

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

— Il-motiv ta' rifjut tal-Artikolu 4 (3), l-ewwel paragrafu, tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ma japplikax għad-dokumenti mitluba;

— L-iżvelar tad-dokumenti mitluba ma jippreġudikax serjament il-proċess deċiżjonali tal-Kummissjoni;

— Ksur tal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 fejn il-Kummissjoni ma bbilanċjatx korrettement l-interessi protetti minn nuqqas ta' żvelar kontra l-interess pubbliku għall-iżvelar tad-dokumenti kkonċernati.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 7(1) u (3) u l-Artikolu 8 (1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

4. Ir-raba' motiv, fir-rigward tal-azzjoni għad-danni taħt l-Artikolu 340 TFUE, jallega l-ksur mill-Kummissjoni tal-Artikolu 7(1) u (3) u tal-Artikolu 8(1) u (2) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

([1]) Regolament (KE) Nru 1367/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas- 6 ta' Settembru 2006, dwar l-applikazzjoni għall-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità tad-disposizzjonijiet tal-Konvenzjoni ta' Aarhus dwar l-Aċċess għall-Informazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja fi Kwistjonijiet Ambjentali (ĠU L 264, p. 13)

([2]) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU L 145, p. 43).

([3]) Konvenzjoni dwar l-aċċess għall-informazzjoni, il-parteċipazzjoni pubblika fit-teħid ta' deċiżjonijiet u l-aċċess għall-ġustizzja fi kwistjonijiet ambjentali, iffirmata f'Aarhus fil-25 ta' Ġunju 1998 u approvata, f'isem il-Komunità Ewropea permezz tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/370/KE, tas-17 ta' Frar 2005 (ĠU L 124, p. 1).

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Foodcare vs UASI – Michalczewski (T.G.R. ENERGY DRINK)

(Kawża T-456/15)

(2015/C 328/26)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Foodcare sp. z o.o. (Zabierzów, il-Polonja) (rappreżentant: A. Matusik, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Dariusz Michalczewski (Gdańsk, il-Polonja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja verbali "T.G.R. ENERGY DRINK" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 5 689 237

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 265/2014-2

Talbiet

— tiddikjara l-invalidità tad-deċiżjoni kkontestata fl-intier tagħha;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2015 – Fakro Sp. z o.o. vs UASI – Saint Gobain Cristaleria (climaVera)

(Każ T-457/15)

(2015/C 328/27)

Lingwa tar-rikors: il-Pollakk

Partijiet

Rikorrenti: Fakro Sp. z o.o. (Nowy Sącz, il-Polonja) (rappreżentant: J. Radłowski, konsulent legali)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Saint Gobain Cristaleria SL (Madrid, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "climaVera" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 521 366

Proċedimenti quddiem l-UASI: Proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-UASI tat-12 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 2095/2014-2

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata totalment u tassenja l-każ lill-UASI għall-eżami mill-ġdid tagħha;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Automobile Club di Brescia vs UASI – Rebel Media (e-miglia)

(Kawża T-458/15)

(2015/C 328/28)

Lingwa tar-rikors: it-Taljan

Partijiet

Rikorrent: Automobile Club di Brescia (Brescia, l-Italja) (rappreżentanti: F. Celluprica u F. Fischetti, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Rebel Media Ltd (Wilmslow, ir-Renju Unit)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-elementi verbali "e-miglia" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 9 782 673

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-UASI, tad-9 ta' Ġunju 2015, fil-Każ R 1990/2014-5

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata, sa fejn din tikkonċerna l-punti 3 u 4;

— tikkonferma b'mod sħiħ, minbarra dwar l-ispejjeż, id-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-UASI tat-30 ta' Mejju 2014 dwar l-oppożizzjoni Nru B 1 900 540;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż, inkluż fir-rigward tal-proċedimenti preċedenti.

Motiv invokat

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-10 ta' Awwissu 2015 – Guccio Gucci vs UASI – Guess? IP Holder (Rappreżentazzjoni ta' sinjali minsuġa)

(Kawża T-461/15)

(2015/C 328/29)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Guccio Gucci SpA (Firenze, l-Italja) (rappreżentanti: P. Roncaglia, F. Rossi u N. Parrotta, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Guess? IP Holder LP (Los Angeles, l-Istati Uniti)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark ikkontestata: trade mark figurattiva (Rappreżentazzjoni ta' sinjali minsuġa) – Trade mark Komunitarja Nru 5 538 012

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI tas-27 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 2049/2014-4

Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti waqt dawn il-proċedimenti;

— tikkundanna lill-Guess? IP Holder LP għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti fil-proċedimenti kemm quddiem id-Diviżjoni ta' Kanċellazzjoni u l-Bord tal-Appell tal-UASI.

Motiv(i) invokat(i)

— Ksur tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— Ksur tal-Artikolu 8(5) tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fl-14 ta' Awwissu 2015 – Capella vs UASI – Abus (APUS)

(Kawża T-473/15)

(2015/C 328/30)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Capella EOOD (Sofija, il-Bulgarija) (rappreżentant: F. Henkel, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Abus August Bremicker Söhne KG (Wetter/Volmarstein, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Applikant: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: it-trade mark Komunitarja verbali "APUS" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 10 415 511

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-UASI, tat-2 ta' Ġunju 2015, fil-Każ R 117/2014-4

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob bidla fid-deċiżjoni kkontestata:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat lura l-każ quddiem il-Bord tal-Appell;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

Motiv invokat

— Ksur tat-tieni sentenza tal-Artikolu 75 tar-Regolament Nru 207/2009.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2015 – GGP Italy vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-474/15)

(2015/C 328/31)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Global Garden Products Italy SpA (GGP Italy) (Castelfranco Veneto, l-Italja) (rappreżentanti: A. Villani, L. D'Amario u M. Caccialanza, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tannulla d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/902, tal-10 ta' Ġunju 2015 u ppubblikata fil-Gazzetta Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea tat-12 ta' Ġunju 2015;

— tadotta kull miżura ulterjuri meqjusa xierqa;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa intiż sabiex jinkiseb l-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/902, tal-10 ta' Ġunju 2015, dwar miżura meħuda mil-Latvja skont id-Direttiva 2006/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq ta' ħassad tal-ħaxix immanifatturat minn GGP Italy spa (ĠU L 147, p. 22).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka żewġ motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 20 tad-Direttiva 2006/42/KE, li jipprovdi li kull miżura restrittiva adottata skont l-istess direttiva għandha tagħti "*r-raġunijiet eżatti*" u għandha tiġi "*notifikata mill-aktar fis possibbli lill-parti konċernata, li għandha fl-istess ħin tkun informata bir-rimedji legali disponibbli għaliha taħt il-liġijiet fis-seħħ fl-Istat Membru konċernat u bil-limiti ta' żmien li għalihom huma suġġetti dawn ir-rimedji*".

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti tilmenta li, peress li l-miżura restrittiva adottata fil-konfront tagħha mill-awtoritajiet Latvjani qatt ma ġiet innotifikata lilha, id-deċiżjoni kkontestata qieset li kienet ġustifikata miżura li tippreġudika b'mod gravi d-drittijiet tad-difiża tagħha, adottata fi tmiem proċedura mhux konformi u li kienet ivvizzjata b'irregolaritajiet gravi anki ta' natura sostantiva.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq il-ksur tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2006/42/KE li jirregolaw l-obbligi ta' osservanza tar-rekwiżiti essenzjali ta' sigurtà [Artikolu 5(1)], il-moviment liberu tal-makkinarju [Artikolu 6(1)], il-preżunzjoni ta' konformità tar-regoli armonizzati (Artikolu 7) kif ukoll il-proċedura ta' salvagwardja li tista' tiġi adottata minn kull Stat Membru (Artikolu 11).

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li l-Kummissjoni kkunsidrat b'mod żbaljat li l-miżura restrittiva adottata mil-Latvja kienet ġustifikata. Fil-fatt l-awtoritajiet Latvjani kkontestaw l-allegat nuqqas ta' konformità tal-makkinarju li jaqta' l-ħaxix Stiga Collector 35 EL C350 297352654/S13 mar-rekwiżiti ta' sigurtà u ta' ħarsien tas-saħħa li jinsabu fl-Anness I tad-Direttiva 2006/42/KE inkwantu tali makkinarju ma rriżultax konformi mal-istandard armonizzat EN 60335-2-77:2010. Madankollu, fiż-żmien meta l-makkinarju inkwistjoni ġie prodott u mqiegħed fis-suq mir-rikorrenti, l-ogħla standard EN 60335-2-77:2010 kien għadu ma kisibx natura mandatorja bħala l-unika dispożizzjoni idonea sabiex tagħti preżunzjoni ta' konformità mar-rekwiżiti ta' sigurtà u ta' ħarsien tas-saħħa, fejn matul il-perijodu ta' tranżizzjoni stabbilit mill-istandard innifsu kien għadu japplika l-istandard preċedenti EN 60335-2-77:2006 (li miegħu il-makkinarju inkwistjoni kien konformi).

Rikors ippreżentat fit-12 ta' Awwissu 2015 – L'Oréal vs UASI – LR Health & Beauty Systems (LR)

(Kawża T-475/15)

(2015/C 328/32)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: L'Oréal (Pariġi, Franza) (rappreżentant: R. Dissmann, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: LR Health & Beauty Systems GmbH (Ahlen, il-Ġermanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI

Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata: ir-rikorrenti

Trade mark ikkontestata kkonċernata: trade mark Komunitarja figurattiva li tinkludi l-element verbali "LR" – Trade mark Komunitarja Nru 11 047 578

Proċedimenti quddiem l-UASI: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità

Deċiżjoni kkontestata: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tal-21 ta' Mejju 2015 fil-Każ R 1143/2014-1

Talbiet

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni kkontestata sa fejn il-Bord tal-Appell jiċħad, fil-punt 2, it-talba tar-rikorrenti għal prova ta' użu mit-trade marks preċedenti tal-intervenjent bħala tardiva;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż tal-proċedimenti quddiem il-qorti kif ukoll tal-proċedimenti ta' appell quddiem il-Bord tal-Appell.

Motiv invokat

— ksur tal-Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mar-Regola 40 tar-Regolament Nru 2868/95.

IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Lulju 2015 – ZZ vs Il-Parlament

(Kawża F-109/15)

(2015/C 328/33)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: C. Wolff, avukat)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent ma jingħatax allowance ta' installazzjoni.

Talbiet

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kap tad-Diviżjoni "Drittijiet individwali u remunerazzjonijiet", mogħtija fit-12 ta' Diċembru 2014, kif ukoll id-deċiżjoni tal-konvenut tal-20 ta' April 2015;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas ta' allowance ta' installazzjoni fl-ammont ta' EUR 21 688,20, flimkien mal-interessi legali, dekorribbli mill-preżentata tar-rikors; u

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2015 – ZZ vs Il-Kummissjoni

(Kawża F-110/15)

(2015/C 328/34)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentanti: S. Orlandi, T. Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tal-proposta ta' trasferiment tad-drittijiet għal pensjoni tar-rikorrent fis-sistema ta' pensjoni tal-Unjoni, li tapplika d-dispożizzjonijiet ġenerali l-ġodda ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal, u l-kundanna tal-konvenuta għall-ħlas ta' ewro provviżorju sabiex tiġi invokata l-ħsara allegatament subit.

Talbiet

— jiddikjara bħala illegali l-Artikolu 9 tad-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-15.07.2011 tal-Artikolu 11 (2) tal-Anness VIII tar-Regolamenti tal-Persunal;

— jannulla d-deċiżjoni tal-10 ta' Marzu 2015 li jiġu akkreditati d-drittijiet għal pensjoni miksuba mir-rikorrent qabel id-dħul tiegħu fis-servizz, fil-kuntest tat-trasferiment tagħhom fis-sistema ta' pensjoni tal-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' implementazzjoni tal-Artikolu 11(2) tar-Regolamenti tal-Persunal tal-15.07.2011;

— sussidjarjament, jikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea għall-ħlas ta' ewro provviżorju sabiex tiġi invokata l-ħsara subita mir-rikorrent;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs UASI

(Kawża F-116/15)

(2015/C 328/35)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: H. Tettenborn, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni li r-rikorrent jiġi ttrasferit mid-dipartiment "Kooperazzjoni internazzjonali u Affarijiet legali" għad-dipartiment "Attivitajiet prinċipali".

Talbiet

— jannulla d-deċiżjoni tal-UASI, tat-2 ta' Ottubru 2014, li biha r-rikorrent ġie ttrasferit mid-dipartiment "Kooperazzjoni internazzjonali u Affarijiet legali" għad-dipartiment "Attivitajiet prinċipali".

— jikkundanna lill-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) għall-ispejjeż.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Awwissu 2015 – ZZ vs F4E

(Kawża F-117/15)

(2015/C 328/36)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrent: ZZ (rappreżentant: A. Asmaryan Degtyareva, avukat)

Konvenuta: Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni (Fusion for Energy, F4E)

Suġġett u deskrizzjoni tat-tilwima

Annullament tad-deċiżjoni tal-Impriża Konġunta Ewropea għall-ITER u l-Iżvilupp tal-Enerġija mill-Fużjoni li ma tinkludix lir-rikorrent fil-lista ta' riżerva tal-proċedura ta' selezzjoni F4E/CA/ST/FGIV/2015/00 u dikjarazzjoni ta' annullament u annullament l-atti ta' ħatra tal-kandidati magħżula sabiex jimlew pożizzjonijiet vakanti.

Talbiet

— jiddikjara bħala nulla l-proċedura ta' selezzjoni ta' Fusion for Energy bir-referenza F4E/CA/STIFGIV/2015/001 għall-pożizzjonijiet ta' Assistent Uffiċjal Kontrollur tal-Ispejjeż ("Cost control support officer");

— jiddikajra nulla l-lista ta' riżerva stabbilita mill-konvenuta bħala konsegwenza tal-proċedura ta' selezzjoni applikata;

— jiddikjara bħala nulla l-ħatra tal-kandidiati magħżula sabiex jimlew il-pożizzjonijiet vakanti u d-dħul fil-kariga tal-kandidati proposti mill-Kumitat ta' Selezzjoni u magħżula mid-Direttur ta' Fusion for Energy;

— jiddikjara l-leġittimità ta' proċedura ġdida ta' selezzjoni ta' kandidati għall-pożizzjonijiet vakanti ta' Assistent Uffiċjal Kontrollur tal-Ispejjeż ("Cost control support officer");

— jiddikjara l-leġittimità tal-eżami bil-miktub fil-proċedura ta' selezzjoni ġdida ta' Assistent Uffiċjal Kontrollur tal-Ispejjeż ("Cost control support officer") u l-organizzazzjoni immedjata tagħha sabiex jintgħażlu kandidati;

— jiddikjara bħala abbużiva u nulla l-possibbiltà għall-konvenuta li ma tużax l-eżami bil-miktub fil-proċeduri ta' selezzjoni, li bil-kontra huwa stabbilit mill-Gwida għall-kandidati ("Guide for Applicants") minħabba s-sitwazzjoni ineżami;

— jordna kwalunkwe miżura li dan it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jqis xieraq sabiex tiġi repetuta l-proċedura ta' selezzjoni skont ir-regoli stabbiliti fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti ("Vacancy Notice") ippubblikat fil-5 ta' Frar 2015 u dawk rikonoxxuti mill-Gwida għall-kandidati ("Guide for Applicants") indikata fl-istesss dokument, peress li huwa obbligatorju t-twettiq tal-eżami orali u tal-eżami bil-miktub;

— tikkundanna lill-konvenuta, Fusion for Energy, għall-ħlas tal-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

ISSN 1977-0987 (edizzjoni elettronika)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT